# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 13 ta' Marzu 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 663/2023 JPG**
**Kawza nru.: 5**

**JR**
**Vs**
**JI**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' JR datat 15 ta' Dicembru 2023, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti u l-intimata zzewgu fit-8 t'Ottubru 2006 [**Dok. A**], mil-liema zwieg ghandhom tifla, ossija EJ li twieldet fit-13 t'April 2008.*

*Illi l-esponenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono fid-29 ta' Novembru 2023 [**Dok. B**].*

*Illi l-esponenti ilhom separati de facto mid-29 t'Awwissu 2022, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-esponenti. Inoltre bejn l-esponenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment. Dan gie kkonfermat mill-esponenti permezz tal-affidavit tieghu ezebit bhala **Dok. C.***

*Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:-*

1. *tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn JR u JI fit-8 t'Ottubru 2006.*
2. *tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata ma ppresentat ebda risposta izda ppresentat l-affidavit taghha (vide fol 24);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehdet (vide affidavit fol 19)** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar it-8 ta' Ottubru 2006 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla, li ghadha minorenni. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntrat datat 29 ta' Novembru 2003 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono izda sostna illi ilhom separati de facto sa minn Awwssu 2022. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghall-rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata xehdet (vide affidavit fol 24 )** u kkonfermat u kkorroborat x-xhieda tal-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-8 ta' Ottubru 2006 liema zwieg jgib certifikat numru 1961/2006 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, li ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono nhar id-29 ta' Novembru 2023 (Vide fol 4 et seqq.). Di piu', jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni illi l-partijiet iddikjaraw ilhom jghixu separatament sa mid-29 ta' Awwissu 2022. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1961/2006 u tordna lir-**

**Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**